# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-28 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 282/2022 JPG**

**Kawza Numru : 12**

**CA**

**-vs-**

**JA**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' CA, datat 23 ta' Mejju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kienu zzewgu nhar il-ghaxra ta' Settembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (10/09/1999) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, L nhar X u T nhar Y.*

2. *Illi l-partijiet ottjenew separazzjoni bonarja permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi ppublikat nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019).*

3. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017).*

4. *Illi assolutament m'hemm ebda pendenzi dwar hlas ta' manteniment jew kwistjonijiet ohra bejn il-partijiet ta' kwalsijasi natura.*

5. *Illi l-esponenti ddiskutiet mal-avukat taghha, l-Avv. Timothy A. Bartolo, il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u nghatat minghand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin u kkonkludiet li m' hemm assolutament ebda prospett ghal rikonciljazzjoni.*

6. *Illi m'hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

7. *Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi z-zwieg taghha mal-intimat JA hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 24 ta' Ottubru 2022, a fol 24 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jiddikjara n-nuqqas ta' oppozizzjoni tieghu ghat-talba tar-rikorrenti CA hekk kif kontemplata fir-rikors promotur datat 23 ta' Mejju 2022, b'dana illi l-esponenti m'ghandux ibati l-ispejjez tal-procedura odjerna;*

2. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri ammissibbli skond il-ligi.*

Rat in-nota tal-avukat Rachel D'Souza datata 24 ta' Ottubru 2022, a fol 23 li permezz taghha iddikjarat li l-intimat m'ghandux aktar provi xi jressaq stieden lil dina l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat in-nota tal-intimat li permezz taghha ammetta it-talbiet attrici;

Rat il-verbal tat-28 ta' Novembru 2022 li permezz tieghu l-attrici obbligat ruhha li thallas l-ispejjes kollha ta' din il-procedura;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici** kkonfermat li l-partijiet izzewgu fl-10 ta' settembru 1995 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfla. Inoltre il-partijiet sseparaw permezz ta kuntratt ta separazzjoni konsenswali fis-27 ta' Awwissu 2019 waqt li kienu ilhom separati de facto sa minn Dicembru 2017. Ikkonfermat li ma hemmx possibilita ta rikonciljazzjoni u ma hemm ebda pendenzi ta' arretrat ta' manteniment.

**L-intimat xehed** (vide dikjarazzjoni fol 26) illi l-partijiet zzewgu u ssussegwentement isseparaw nhar is- 27 ta' Awwissu 2019 fl-atti tan-Nutar Dr  Tonio Cauchi. Jiddikjara li ma hemmx manteniment dovut. Jikkonferma illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li l-kontendenti jghixu hajja separata minn xulxin.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux***

*flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Settembru 1999, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1596/1999 (vide certifikat taz-zwieg, a fol 5) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar is-27 ta' Awwissu 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi (a fol 6 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1596/1999 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes a karigu tal-attrici skond l-obbligu minnha dikjarat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**